Din il-għanja ta' ferħ, li ħarġet minn fomm u minn qalb il-lhud wara li ħelsu mill-jasar ta'l-Eġittu, nistgħu ngħidulha l-Għanja tal-Għid. Għax il-fidwa tal-lhud mill-jasar tal-Fargħuni kienet xbieha tal-fidwa tagħna mill-jasar tax-xitan. Ġesù Kristu fdiena bil-mewt tiegħu fuq is-salib, waqt li l-lhud kienu jidbħu l-ħaruf tal-għid b'tifkira tal-ħarġa minn l-Eġittu. U f'jum il-Għid tfakkarna l-Knisja fil-fidwa tagħna bil-mewt ta' Ġesù Kristu u bil-qawma tiegħu minn l-imwiet.

**Sajdun.**

## NOFS-INHAR SAJFI

Barra bis-sħana qiegħda mgħaxxa l-ħajja
taħt xemx li tikwi—l-eħrex xemx sajfija—
u kollox ħiemed, bħallikieku l-ġrajja
waqfu tal-jum, imbikkma minn did-dija.

Fuq għolja bżar żunżan bil-qtajja' qtajja'
irewwaħ ġewnħu; joħroġ mill-ħamrija
ħanfus sewdieni bl-ikbar skiet jissajja
ħa' jsib il-qmuħ imxerrda fil-mgħodija.

Hiemed, il-mewġ igħonos ġewwa l-qala';
il-b'għod il-b'għod jitriegħed qlugħ bajdani
bil-mod il-mod u donnu le jaf l-għala;

Hekk bla taf l-għala tħoss il-qalb tixxabba'
minn kull m'hu dwarha, tibki lill-warrani
u, mdejqa, tnin bix-xewqa ta' l-imħabba.

**Rosario Briffa**

# NIĊEĊ U STATWI

II.

*Is-Salib imsejjaħ* "ta' Dejma" *li qiegħed f'nofs dawk l-erba' toroq li waħda minnhom minn Ħal Tarxien tâti għaż-Żejtun.*

Il-magħruf kursar Dragutt, fis-sena 1542, li ħabtet fl-istess żmien li l-Papa Pawlu III għarraf biex isir il-Konċilju ta' Trentu, niżel f'Malta u, bin-nies tiegħu, laħaq wasal sa Ħal Tarxien, sewwa sew sa fejn jinsab imqiegħed is-Salib imsejjaħ *ta' Dejma.* Fuq hekk, minn dak iż-żmien bdew iħallu, fejn hu qiegħed is-Salib, ftit suldati għassa taħt Alfier, biex dawn ikunu jistgħu jħabbru malajr lill-poplu kemm-il-darba it-Torok jerġgħu għal Gżiritna minn dawk l-inħawi—ħaġa li baqgħet issir sa kemm imbnew l-erbatâx-il torri ta' ma' dwar il-plajja ta' Malta. Dawn it-Torrijiet kienu ġew mibnija bi flus il-Gran Mastru De Redin (1657-1660).

Is-Salib *ta' Dejma*, ma jafux min kien dak li għamlu, biss jafu li sar fiż-żmien li Kappillan ta' Ħal Tarxien kien Dun Mas Cirillo Formosa, miż-Zejtun (1752-1767).

Fl-1752, Mons. Fra Pawl Alferan De Bussan, Arċisqof ta' Damjata u Isqof ta' Malta, ta erbgħin jum indulġenza għal min igħid *Pater Noster* quddiem l-imsemmi Salib.

Is-Salib *ta' Dejma*, li l-lum qiegħed fejn semmejna taħt id-dell ta' siġra kbira, fl-1843 kien jieħu ħsieb jixgħellu, ta' kull nhar ta' Ġimgħa Wenzu Abela, bin Ġanni, minn Ħal Għaxaq; u l-lum qiegħed jieħu ħsiebu Toni Said dak il-ġennien li hemm mas-Sorijiet ta' San Vinċenz de Paoli ta' Ħal Tarxien. Dan (Said), barra milli jixgħellu ta' kull jum, fil-festa tas-Salib iżejnu wkoll bid-damask u b'għadd sabiħ ta' dwal.

*In-Niċċa tal-B. V. Marija* tad-Dawl *li qiegħda fit-triq li mill-Gudja tâti għaż-Żurrieq.*

Fiż-żmien li Kappillan tal-Gudja kien Dun Ġann Pawl Balzan, minn l-istess Raħal, ġiet magħmulha Niċċa lill-B. V. Marija *tad-Dawl.* Dina saret fl-1763 minn Dun Amadew Zammit, u ġiet imqiegħda f'minkeb ta' bini li jiġi qrib il-Knisja msejħa il-"*Madonna ta' Luretu.*"

Mons. Fra Bartilmew Rull, Isqof ta' Malta, fit-8 ta' Ottubru 1763, ta erbgħin jum indulġenza għal kull min igħid *Ave Maria* quddiem ix-xbieha tal-Madonna.